MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 22/2006

Avviz Numru 22/2006

Carmel Debono

vs

Raymond Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' sebgha u tletin lira Maltin u tmenin centesimi (Lm37.80) li soffra f'danni minhabba aggressjoni ngusta da parti tal-konvenut f'incident li sehh fl-edificcju tal-Qorti ta' Ghawdex fis-sittax (16) ta' Frar 2006.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2006, kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tl-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li tghid hekk :

“Illi huwa bl-ebda mod u manjiera ma jahti ghal dan l-incident in kwistjoni;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal premess, l-attur ma sofra l-ebda danni, liema allegati danni huma biss fittizji;

Salvi eccezzjonijiet ohra”.

Sama’ il-provi li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Din hija kawza fejn l-attur qed jitlob il-hlas tad-danni minghand il-konvenut konsistenti fi spejjez li nkorra ruhhu fihom f’visti ghand it-tobba, specjalisti, u f’xiri ta’ ngwenti u medicinali minhabba griehi li allegatament soffra wara li gie aggredit mill-konvenut Raymond Camilleri ftit wara l-kawza li l-istess konvenut kellu fi kwistjoni ohra mal-attur quddiem il-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ghodwa tas-16 ta’ Frar 2006. Li sehh dan l-incident mhuwiex kontestat bejn il-partijiet, u bhala fatt li sehh dan l-incident hemm ukoll il-konferma ta’ PS1377 Emanuel Cilia li ra lill-konvenut jaggredixxi lill-attur u jaghtih daqqa b’sahhitha bil-genb tal-palma ta’ jdejh il-leminija ghal fuq wiccu. Bhala griehi esterni, is-surgent osserva qasma fuq ix-xofftejn tal-attur u minnha kien hiereg id-demm. Minn naha tal-attur jidher li ma kien hemm ebda ritaljazzjoni ghal din l-aggressjoni li saret b’mod kiesah u biered mill-attur. Ghalhekk m’hemmx dubbju li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni li soffra l-

attur u li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb l-istess konvenut.

A rigward l-ammont ta’ l-spejjez li qed jitlob l-attur li nkorra ruhhu fihom f’visti ghand it-tobba, konsulenti, u xiri ta’ ngwenti u medicinali minhabba l-ugigh li kien qed jilmenta minnu f’imniehru u fix-xedaq u s-snin, it-Tribunal iqis li dawn l-ispejjez huma wkoll gustifikati ghajr ghas-servizz tad-tindif tas-snien li sar mid-dentista Dottor Edward Fenech f’vista li saret minhabba l-ugiegh li l-attur kien qed ihoss fis-snien ta’ quddiem, liema servizz dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut, u minn dan il-hlas li l-attur kien ghamel lid-dentista Dottor Edward Fenech, it-Tribunal qed jiehu qies biss tal-konsulta medika li qed jiffissa fl-ammont ta’ hames liri maltin (Lm5).

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jsib lill-konvenut responsabbli tad-danni li gew sofferti mill-attur konsistenti fi spejjez li l-attur nkorra ruhhu fihom f’visti ghand it-tobba u konsulenti medici, u xiri ta’ ngwenti u medicinali, u qed jilqa’ t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta’ tnejn u tletin liri Maltin u tmenin centesimi (Lm32.80) ekwivalenti ghal sitta u sebghin Euros u erbghin centesimi (Euros 76.40), u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghax legali b’effett mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ April 2006 [Ittra numru 219/2006], u bil-VAT, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------